**ARB/C028/2021 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 29th April, 2021 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Charmaine Galea LL.D.). Compilation Number 263/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

**PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED**, incorporated on the 26th April, 1966 with Maltese registration number C 307 and registered address at Times of Malta, Triq l-Intornjatur, Zone 1, Central Business District, Birkirkara.

**MICHAEL RIZZO;**

AND

**CLAUDE LICARI**.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by them, in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta.

**ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to **PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED** and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, in terms of Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta, and Article 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order as mentioned in Article 36, Article 5, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding twelve thousand Euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 30th April, 2021

Acting Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C028/2021 – ORDNI TA’ QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b’digriet mogħti fid-29 ta’ April, 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Charmaine Galea LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 263/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta’ Malta

Kontra

**PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED**, inkorporate fis-26 ta’ April, 1966 bin-numru ta’ reġistrazzjoni Malti C 307 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Times of Malta, Triq l-Intornjatur, Zone 1, Central Business District, Birkirkara.

**MICHAEL RIZZO;**

U

**CLAUDE LICARI**.

**ORDNAT** iż-żamma f’idejn partijiet terzi b’mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta’ **PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED** u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, twiegħed, tipoteka jew tibdel jew tiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta’ jew inkella miżmuma minnha, u dan ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**ORDNAT** is-sekwestru f’idejn terzi persuni b’mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta’ **PROGRESS PRESS COMPANY LIMITED** u tipprojbixxi lill-imputata milli tittrasferixxi, tagħti b’rahan, tipoteka jew xort’oħra tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra *Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 5, u fl-Artikolu 23A tkun ħatja ta’ reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta’ mhux iżjed minn tnax-il elf Euro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta’ propjetà li jsiru bi ksur ta’ dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 30 ta’ April, 2021

Aġent Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi